**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Marzu, 2023**

**Rikors Numru 95/2022**

**Noel Camilleri**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Noel Camilleri** ippreżentat fil-21 ta' Ottubru, 2022, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*Dan huwa appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta l-applikazzjoni ta' Noel Camilleri għall-ħruġ ta' liċenzja bħala gwardjan privat, liema appell qed isir għat-tenur tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 389.*

*Id-deċiżjoni ġiet notifikata lill-appellant Noel Camilleri fl-4 ta' Ottubru, 2022, u ġiet notifikata hekk ''dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza fil-konfront ta' l-appellant, nhar is-27 ta' Novembru, 2007... fejn inti nstabt ħati li wettaqt delitt kontra l-fiduċja pubblika'';*

*Illi ma hemm l-ebda konsiderazzjoni oħra ħlief din id-deċiżjoni. Konsegwentement, wieħed għandu jassumi li kienet il-fatt li hu nstab ħati biss tar-reati b'liema kien akkużat li induċiet il-Kummissarju tal-Pulizija biex jiċħad din l-applikazzjoni u xejn iktar.*

*In effett dan ifisser li s-sentenza qiegħda ġġib in effett divjet perpetwu u mingħajr ebda terminu li l-esponenti appellanti jkun gwardjan privat; kieku l-liġi riedet li dan l-effett ikun konsegwenza tas-sentenza kienet tordna lill-Maġistrat jikkomina fil-piena u l-fatt li s-sentenza m'għadhiex tidher fuq il-fedina penali tiegħu hija waħedha argument*

*suffiċjenti biex wieħed jargumenta li l-effett ta' dik is-sentenza spiċċat u ma tistax tintuża kontrih.*

*Dak li qiegħed jagħmel il-Kummissarju huwa li jagħti lis-sentenza kriminali effett iżjed minn dak li trid il-liġi. L-esponent iħoss li bis-sejbin ta' ħtija u l-piena fuqu inflitta huwa ħallas lis-soċjetà dak li kellu jħallas. Mhux sewwa li s-sentenza tingħata effett perpetwu għaliex altrimenti tiġi li qiegħed tiġi komminata fuqu piena mhux prevista mil-liġi. L-esponent jissottometti bl-akbar rispett li huwa ma hux passabbli ta' ebda piena oħra ħlief dik komminata lilu mill-Qorti skond il-liġi.*

*Ma jridx wieħed jinsa li dak kien ġara ħmistax-il sena ilu u li llum huwa dehen li jkun gwardjan privat. Il-fatt li naqset li tikkunsidra fid-deċiżjoni tagħha l-fatt jekk hux dehen li jingħata liċenzja jew le u applikat bl-għama l-liġi huwa żball iżjed u iżjed meta dik is-sentenza lanqas għadha tidher fuq il-fedina penali tiegħu.*

*F'dan ir-rigward jiġi rilevat li dan il-punt ġie ben stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal u fiċ-ċirkostanzi l-Kummissarju ntimat ma setgħex jistrieh biss fuq sentenza li ngħatat fis-sena 2007 dwar reat iżda kellu jara u jagħrbel l-aspetti kollha tal-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu, salv kull dikjarazzjoni xieraq u opportun:*

1. *Iħassar u jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq imsemmi tal-4 ta' Ottubru, 2022, li permezz tagħha rrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti sabiex jingħata liċenzja ta' Gwardjan Privat;*

2. *U konsegwentement, jordna lill-Kummissarju ntimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju, joħroġ liċenzja għall-Gwardjan Privat liema r-rikorrenti talab u/jew jagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fil-liġi.*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 22 ta' Settembru, 2022, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. I*lli esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati li wettaq diversi reati matul iż-żmien, fosthom li fis-sena 2006 talli "<u>wiegħed ...xi vantaġġ mhux xieraq lill persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jknu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9...bi ksut tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9 ... u aktar talli... xjentement għamel użu minn att/i kitba, jew skrittura/i foloz...u aktar talli.... xjentement għamel użu minn wieħed mid-dokumenti msmmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta...u aktar talli... sabiex jikseb i vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument mħasub għal xi awtorita' pubblika,</u>*

*<u>xjentement għamel dikjazzjoni jew stqarrija falza, jew taha tagħrif alz...u aktar talli... xjentement jew bi traskuraġni għamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita' sostanzjali f'xi propspett, talba jew dokument ieħor meħtieġ jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taħt l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta"</u>. Dan ir-reat flimkien ma' oħrajn huma lkoll elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. COP' u r-reat hawn fuq imsemmi, jikkostitwixxi delitt kontra l-fiduċja pubblika ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Peress li r-reati hawn fuq imsemmija u kif ukoll dawk li jinsabu elenkati fil-fedina penali huma delitti kontra l-fiduċja pubblika ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk l-esponent jikkunsidra li dan ir-reat kif ukoll l-oħrajn kommessi mir-rikorrent huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat (ara* ***Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva***[1] *deċiża fis-26 ta' Lulju 2021);*

4. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala "delitt kontra l-fiduċja pubblika" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta (oltre għal dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-artikolu), l-istess artikolu ma ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***<u>jimponi obbligu fuq il-Kummissarju</u>*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

5. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli. Naturalment li kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li jagħti xi tip ta' diskrezzjoni allura huwa kien isemmiha fil-liġi u dan in omaġġ għall-prinċipju ubi lex voluit dicit, ubi noluit tacuit;*

6. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li jisħaq ir-rikorrent li ċjoe' huwa qiegħed ibagħti xi preġudizzju għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-rikorrent, minħabba li wettaq reati kriminali ta' ċertu gravita', ma baqax jista' jikkwalifika biex jiġi fdat bil-liċenzja ta' gwardjan privat. Di' piu' huwa r-rikorrent huwa skorrett meta jistqarr li dan ir-reat m'għadux jidher fuq il-fedina penali;*

7. *lli finalment* ***b'referenza għat-tieni talba*** *hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

---

[1] Rks 87/2020.

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 4 ta' Ottubru, 2022, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.*

*Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta). Dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek, nhar is-27 ta' Novembru 2007 dwar falsifikazzjoni, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula, fejn inti instabt ħati li wettaqt delitt kontra il-fiduċja pubblika."*

**Ikkunsidra:**

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq artikolu 10 (a) (i) tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`, liema artikolu jgħid is-segwenti, u ċioe`:

*"Il-Kummissarju* ***għandu***[2] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

> *(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza* ***jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika*** *jew ta' xi delitt gravi ieħor;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta

---

[2] Enfasi tat-Tribunal

jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma hux inkluż fl-istess sub-inċiż, jistgħax jiġi kkunsidrat bħala gravi jew le.

Illi mill-fedina penali esebita minn fol. 10 u 11 tal-proċess jirriżulta illi r-rikorrent kien ġie misjub ħati, *inter alia,* li fl-2006 ikkommetta reati ai termini tal-artikolu 184, 186 u 188 tal-Kodiċi Kriminali, liema reati essenzjalment huma reati li jinsabu taħt Titolu V intiolat "Fuq id-Delitti Kontra l-Fiduċja Pubblika". Illi dan it-Tribunal ma kellux l-opportunita` li jkun jaf dwar x'kienu ċ-ċirkostanzi tal-każ għaliex is-sentenza li permezz tagħha nstab ħati r-rikorrenti ma titfa' ebda dawl fuq dan stante li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri. Madanakollu, kif se jingħad iktar 'il quddiem, anke kieku dan it-Tribunal kellu l-kwadru kollu taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, l-eżitu ta' din is-sentenza ma kienx se jkun mod ieħor.

Illi t-Tribunal josserva illi l-ħidma tal-gwardjani privati hija waħda li tissupplimenta u tikkumplimenta dik tal-Korp tal-Pulizija sabiex ikun hawn l-ordni fil-pajjiż.

Illi d-difensur tar-rikorrenti ssottometta illi l-inċident li abbażi tiegħu il-Kummissarju intimat irrifjuta l-permess in kwistjoni ġara iktar minn sittax-il sena ilu u li m'għandux jiġi penalizzat għal xi ħaġa li diġa ħallas għaliha. In oltre, sostna li l-kondotta tar-rikorrent hija waħda netta u kwindi l-Kummissarju intimat kellu jistrieħ fuq l-istess kondotta u mhux fuq il-fedina penali tar-rikorrent. Id-difensur tar-rikorrent saħaq illi ladarba ai termini tal-Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Kondotti) il-leġislatur ried li ċerti reati, wara li jgħaddi perjodu ta' żmien, ma jibqgħux jidhru fuq il-kondotta, allura l-Kummissarju intimat ma setax jieħu in konsiderazzjoni s-sentenza li abbażi tagħha kien instab ħati r-rikorrent fl-2007.

Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem l-argumenti mressqa mid-difensur tar-rikorrent, ma jaqbilx mal-istess argumenti. Illi l-liġi hija ċara ħafna u ma tagħti ebda tip ta diskrezzjoni lill-Kummissarju intimat, jgħaddi kemm jgħaddi żmien mit-twettieq ta' ċerti reati, inkluż dak li r-rikorrent instab ħati tiegħu permezz ta' sentenza datata 27 ta' Novembru 2007. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-liġi ma tirrikjedix li applikant irid ikollu "kondotta nadifa" iżda tassattivament tirrikjedi illi applikant ma jkunx ikkommetta ebda wieħed mir-reati elenkati f'artikolu 10 (a) (i). Ladarba dan it-Tribunal huwa konvint illi r-reati mwettqa mir-rikorrent fl-2006 huma elenkati f'artikolu 10 (a) (i), la dan it-Tribunal u lanqas il-Kummissarju

intimat ma għandhom xi diskrezzjoni dwar il-mod kif għandhom jitrattaw l-applikazzjoni tar-rikorrent.

Illi t-Tribunal jista' jifhem illi għaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta twettaq ir-reat in diżamina, pero` kif intqal qabel, dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi b'mod suġġettiv iżda jrid isegwi l-interpretazzjoni tal-liġi bl-iktar mod loġiku u oġġettiv. Li kieku kien mod ieħor allura tisparixxi dik l-oġġettivita` li dan it-Tribunal huwa rikjest li jeżerċita fl-għoti tad-deċiżjonijiet tiegħu.

Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 4 ta' Ottubru, 2022, u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**